MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Numru. 867/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**CHRISTIAN ZAMMIT**

**(ID: 24292M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHRISTIAN ZAMMIT** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24292(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-7 ta' Settembru 2013 u t-8 ta' Settembru 2013 gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzawhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 798 Anthony Camilleri u PC 1027 Brendon Gauci sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom stqarrija a fol 4 et seq, fotokopja tal-karta tal-identita' tal-imputat a fol 8, zewg (2) certifikati medici a fol 9 u fol 10, u okkorrenza a fol 11 et seq.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2015 quddiem l-avukat difensur tieghu Dr Lucio Sciriha u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2015. Din it-twissija saret ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentement abbazi ta' din l-ammissjoni l-Qorti kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u pprosegwiet sabiex taghti s-sentenza finali taghha.

Ai fini ta' piena l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda relattivament nadifa salv ghal akkuza wahda (1) registrata fis-sena elfejn u

ghaxra (2010) rigward mewt involontarju fejn inghata Probation ghal sentejn.

Il-Qorti rat illi l-akkuzi in kwistjoni u cioe' ingurji lejn ufficjali pubblici huma akkuzi serji u konsegwentement il-Qorti thoss li ghandha tapplika piena li tkun tista' sservi ai fini ta' recidiva f'kaz li l-imputat jerga' jikser dufrejh mal-ligi.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 95, 96, 338(m) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat CHRISTIAN ZAMMIT hati u tikkundannah multa komplessiva ta' hames mitt ewro (€500). Ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qieghda taghti l-fakolta lill-imputat li jhallas din il-multa f'rati mensili u konsekuttivi ta' tmenin ewro (€80).**

**Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti tal-kawza jigu mibghuta lill-Avukat Generali.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------